**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana**

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 6**

**4 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 u tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar is-26 ta' April 2017. Dan wara li kienu saru xi korrezzjonijiet meħtieġa.

**6.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Saviour Borg:

6.2.1 Irringrazzja lil sħabu l-kunsilliera, lis-segretarja u l-istaff kollu għall-attendenza tagħhom kif ukoll għall-kuruna tal-fjuri li saret għall-funeral ta' ommhu.

6.2.2 Informa lill-membri li hemm bżonn tinxtara landa zebgħa safra kif ukoll kolla li titħallat mas-'cement' biex jiġu mbajda l-kurduni tal-bankina ta' Triq il-Għajn. Ġie ssuġġerit li jinxtara landa SBR li tinxef malajr.

6.2.3 Rċieva telefonata mingħand Peppinu Debrincat, responsabli mill-kultura f'Għawdex, biex ikellmu dwar l-attivita' li ser issir fit-8 ta' Ġunju ħdejn l-Għejjun. Informa lill-membri li se jmur ikellmu għada u jikkomunika t-talbiet tiegħu.

6.2.4 Tlabna d-devoluzzjoni tal-Għejjun, ir replika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini ta' Pjazza l-Għejjun. Il-pjanta ġiet imħejjiha minnhu. Informa l-membri li nġibdet l-attenzjoni mingħand is-Sur George Cassar sabiex nagħmlu żewġ plakki bl-isem 'Fontanella Gardens'. Il-membri qablu sabiex dan isir.

6.2.5 Ippropona li naħsbu sabiex issir il-weekend għal Sqallija għall-ewwel jew it-tieni ġimgħa ta' Lulju. Semma wkoll li nistgħu nerġgħu norganizzaw il-ħarġa għall-fiera l-kbira, f'Lulju f'Malta.

6.2.6 Issuġġerixxa li wara li tgħaddi l-festa nduru l-fanali ta' Triq il-Kappillan Ħili sabiex issirilhom il-manutenzjoni meħtieġa. Il-kunsill qabel.

6.2.7 Semma li jekk hemm qbil nistgħu nużaw mill-fondi tal-'Urban Improvement Fund' sabiex nkunu nistgħu nkomplu l-aħħar 35 metru tal-Belvedere ta' Triq John Gaspard Le Merchant, bil-bankina, fanali u bankijiet; fejn se nagħtu t-tarmac.

6.2.8 Informa l-membri li ġie avviċinat minn Jimmy Saliba fejn talab li jitħallas tal-'parts' li hu uża sabiex sewwa l-komputer li kienet talbitu l-ex segretarja jew jeħodhom lura. Il-kunsill qabel li għandna nsibu l-kontijiet u nkellmuh sabiex nikkunsidraw li naslu għall-qbil.

6.2.9 Issuġġerixxa li nitolbu sabiex Sqaq ta' Kaput u Trejqet Bieb il-Għajn jiġu reġistrati mal-gvern, peress li mhumiex reġistrati mad-Dipartiment tal-Artijiet.

6.2.10 Issuġġerixxa li ssir 'noticeboard' ġdida għaliex dik preżenti hija zgħira u mhix fiċ-Ċentru tal-Fontana. Il-membri qablu li nġibu stima u din titwaħħal bejn Triq il-Kappillan u Triq il-Għajn fejn tkun fiċ-ċentru u visibbli għall-pubbliku.

6.2.11 Kellhom isiru sinjali sofor il-fuq mill-Kunsill u għalhekk talab biex naraw jekk din it-talba kienitx saret u jekk le issir it-talba. Dan skond l-ilment tas-sur Manuel Grech.

6.2.12 Informa lill-membri li l-kunsill irid jikteb ittra fejn jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex is-sala tal-komunita' tintuża għall-fini tal-elezzjoni bi ħlas ta' €300. Huwa ġie nfurmat b'dan mis-sur Joe Grech mill-uffiċċju elettorali.

6.2.13 Is-Sindku ippropona u l-membri qablu li bil-fondi tal-Wasteserve nixtru 5 bins bħal tac-Ċittadella. Is-Sindku nforma lill-membri li wara li talab lil Anton Zarb Cast Iron Products Ltd biex inaqqas il-prezz se jtina dawn il-bins għal prezz ta €360 flok €390 + Vat.

6.2.14 Hemm bzonn li tinxtara xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur u konfidor għall-bexx tal-palm.

6.2.15 Ġew mogħtija l-offerti mil-kunsill biex isir xogħol ta' *Patching with Hot Asphalt* fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili u ssir bit-tarmak l-aħħar 35 metru ta' Triq John Gaspard le Merchant.

6.2.16 Is-Sindku flimkien mas-sur Ryan Debrincat mid-Dipartiment tax-Xogħol u Infrastruttura zar il-ġiebja ta' taħt il-Fontana Cottage Industry li tiġbor l-ilma tal-Għejjun biex tiġi mdaħħla fil-programm ta' restawr tal-ġwiebi għall-ħazna tal-ilma.

6.2.17 Ġew imħawla bix-xtieli tal-Petunia l-40 qasrija tat-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Merchant

6.2.18 Intalbet lid-dipartiment tal-artijiet id-devoluzzjoni tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u replika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankina ta' Pjazza l-Għejjun. Dan qed isir biex ikun aktar imħares il-wirt storiku tal-Fontana.

6.2.19 Twaħħlu zewġ *doggy bins*, wieħed f'tarf Triq Wied Siekel u ieħor fi Triq Għajn Tuta. Saru wkoll diversi sinjali tat-traffiku.

Mill-Kunsillier is-Sur Victor Cefai

6.2.14 Ressaq it-talba tas-Sinjura Marla Sammut fejn talbet permess għall-użu tal-playing field fit-12 ta' Ġunju 2017 sabiex tagħmel festin zgħir lit-tifel tagħha. Il-Membri qablu li joħroġ dal-permess.

**6.3 Appell Gozo Concrete Products Limited**

6.3.1 Tkellemna mall-Public Review Contracts Board (PRCD) u dawn infurmawna li dan l-appell ma jistax jiġi milqugħ. Dan għaliex il-Kunsill kien kiteb lill-GCPL fid-9 ta' Jannar 2017 u huma bagħtu l-appell tagħhom

fil-25 ta' Jannar 2017. Għalhekk dan l-appell daħal fil-kunsill wara li skada ż-żmien stipulat sa meta wieħed setgħa jappella. L-Kunsill informa lill-GCPL permezz ta' ittra reġistrata li intbagħtet fit-3 ta' Mejju flimkien ma' cheque ta' €200 li huwa l-ħlas lura tad-depositu li kienu ntbagħtu ma' l-istess appell. Is-Sindku issuġġerixxa li nkellmu lill-Perit Gordon Vella ħalli ssir t-talba sabiex l-permess tal-PA għas-saqaf taċ-Ċentru Ċiviku tinbidel minn ġebla tal-qawwi għall-porfido, kif kien approva l-kunsill.

## 6.4 Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund

6.4.1 Ġie spjegat illi rċevejna ċirkulari numru 9/2017 li tkompli ma ċirkulari numru 5/2017 b'informazzjoni dwar l-iskema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali li issa ġiet mibdula f'Local Government Culture Fund.'

Il-membri nnotaw il-kontenut kif ukoll id-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet. Ġie spjegat il-proċess tal-applikazzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti meħtieġa li jrid jinkludi pjan strateġiku maqsum fuq tlett snin kif ukoll pjan promozzjonali fost oħrajn. Peress li huwa spjegat ċar illi waħda mill-kundizzjonijiet hija li l-attivita' ma tistax tkun relatata mal-festa u lanqas ma Jum il-lokalita', il-membri qablu li ma napplikawx għal din l-iskema.

## 6.5 Rapporti li rċevejna mid-DLG

6.5.1 Il-membri ġew informati dwar żewġ rapporti li rċieva l-kunsill mid-DLG. Dawn ir-rapporti waslu flimkien ma' ritratti li juru l-Latrina bl-ilma mal-art kif ukoll li kienet tinsab bla dawl. Is-Sindku qal li zewġ bozoz ma kienux jixgħelu għax l-i*switch* kien mitfi. Ir-Rapport l-ieħor kien dwar l-irħama kommemorattiva li tinsab fil-playingfield minħabba li l-ittri ma kienux għadhom jidhru tajjeb. Il-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel, billi nkitbet ittra lis-Sur Carmel Xerri fejn ġie mitlub jirranġa s-sitwazzjoni minnufih, kif ukoll inġabru l-istimi sabiex l-irħama tal-playingfield tiġi mizbugħha. Dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati u d-dipartiment kien infurmat rispettivament.

**6.6 Materji Oħra.**

6.6.1 Fil-21 ta' April ktibt lil TM sabiex isiru sinjali sofor ħdejn il-propjeta Electron, Triq il-Qalb ta' Gesu, Fontana.

6.6.2 Irċevejna mid-DLG li sar il-ħlas ta £849.25 li jkopru l-ewwel sena ta' streaming skont il-memo 5/2014.

6.6.3 Fit-18 ta' April ktibt lil Josef Agius sabiex inkomplu l-proċess tal-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-Għajn ta' Bendu u l-Għajn il-kbira kif ukoll ir-replika tal-għajn tal-Loġoġ u l-bankini ta' Pjazza l-Għejjun.

6.6.4 Fit-13 ta' April intbagħtet l-ittra tagħna lill-PA dwar l-applikazzjoni PA/06736/16, Fontana Cottage Industries.

6.6.5 Fis-6 ta' April intbagħtet l-ittra tagħna lill-PA dwar l-applikazzjoni PA/01994/17 li tikkonsisti minn rikostruzzjoni ta' kamra li ilha tezisti minn qabel is-sena 1978.

6.6.6 Ġibna l-istimi sabiex jintlew il-'fire extinguishers' u sabiex isir ir-'risk assessment'. Tlabna 3 quotes u irċivejna 2 biss, waħda mill-ISTC u l-prezz tagħhom hu ta £295 filwaqt li rċevejna oħra min għand HIS għal prezz ta' £472.

6.6.7 Irċivejna stima min għand Rapa Showrooms sabiex jizbhu l-Lapida li hemm fil-playing field. Il-prezz tagħha hu ta' £58.41. Tlabna wkoll stima lil Raymond Bonello.

6.6.8 Tlabna stima ta' tabella *'to clean after your dog'* u irċevejna l-prezz ta' £12 il-waħda. Ġiet ordnata waħda mingħand Cordina sabiex titwaħħal wara l-knisja.

6.6.9 Intbagħtet ittra lill-WSC kif ukoll lill-Perit Mark Anthony Cardona sabiex ninfurmah illi l-Kunsill mhux qed jiġi notifikat bix-xogholijiet li qed isiru fil-lokalita min-naħa tal-WSC u għalhekk tlabt li mhux biss niġu notifikati imma għandhom jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jitranġaw il-ħofor li saru

fit-toroq wara li sar xogħol difettuz mill-WSC. Bqajna bla ebda risposta. Is-sindku nforma l-membri li WSC suppost iħallsu lill-kunsill biex isir il-*patching* ta' fejn isir it-*trenching*. Informana wkoll sabiex ninfurmaw lill-reġjun ta' Għawdex bil-bilanċi dovuti.

6.6.10 Ħriġna l-invoices lil WSC għas-servizzi li saru matul is-snin mit-2011 sal-lum. Dawn kienu jammontaw għal €568.52. Ħriġt ukoll invoice lil Go mobile ghal zewġ servizzi li saru u dawn ġew ħallsu minnufih.

6.6.11 Tlabt u irċevejt xi klarifiki dwar il-kont tal-Avukat Dr. Jean Paul Grech.

Il-laqgħa ġiet sospiża għall-għaxar minuti sabiex tajna ċans lill-membri tal-għaqda tan-nar tal-Fontana li ġew sabiex jitkellmu mal-membri tal-kunsill. Huma għamlu talba formali sabiex jitolbu li l-kunsill jgħin lil din l-għaqda sabiex flimkien in kollaborazzjoni jħallsu għan-nar tal-festa li jsir mill-art. Din l-għaqda ġiet infurmata li se tiġi diskussa fil-kunsill u jiġu nfurmati rispettivament.

Il-laqgħa tkompliet. Is-segretarja nfurmat lill-membri li ħa titlob linja gwida mid-DLG fuq il-fatt jekk tista' jew ma tistax issir xi attivita' in kollaborazzjoni. Is-Segretarja spjegat li tippretendi li jekk il-kunsill se jagħmel attivita' in kollaborazzjoni trid tkun attivita' li qed jorganizza il-kunsill u mhux li qed jorganizzaw għaqdiet oħra. Din trid tkun attivita' li qed tkun organizzata priċiparjament mill-kunsill. Il-membri qablu li għandna nistennew risposta ċara dwar dan u is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-irċevuti li jridu jirriflettu x-xogħol li filfatt ikun sar.

Is-Sindku irrimarka l-*'feature'* li kien sar is-sena li għaddiet, fejn spjega li kien sar sabiħ ħafna u għadna nerġgħu nagħmluh. Il-Kunsill qabel li jerġa' jsir jekk ikun ħa l-approvazzjoni tad-dipartiment. Fakkar lill-membri dwar il-Kuntratt tal-Green Mt u talab sabiex nressqu t-talba tagħna lill-istess Green MT sabiex jisponsorjaw dan il-'*feature*' peress li kien miftiehem li jtunu €500 fis-sena għall-attivitajiet kulturali. Is-Segretarja ħadet nota ta' dan.

6.6.12 Ġiet preparata l-ittra sabiex tintbaghat lis-Sinjura Odette Camilleri ghaliex għandha dritt titħallas tal-performance bonus dovut lilha.

6.6.13 Victoria Gatt ħallset l-ammont ta' €90 li jkopru sezzjonijiet zejda sal-aħħar ta' Mejju. Ġie miftiehem li se nħallsu €60 għas-servizz tagħha u l-kunsill żamm €30 għall-użu tas-sala.

6.6.14 Is-Sinjur Angelo Attard jixtieq juza s-sala kull nhar ta' Erbgha filghaxija sabiex jaghmel 20 sezzjoni ta' ezercizzji bla ħlas lir-residenti tal-Fontana. Dawn għandhom jibqgħu sejrin sa l-aħħar ta' Settembru. Il-kunsill talbu l-ħlas ta' €150 li huma l-istess ammont li qed jitħallas għall-użu tal-lezzjonijiet taż-żumba. Il-membri qablu li nitolbuh jattendi għal-laqgħa li jmiss sabiex ikun jista' jagħti aktar informazzjoni dwar dawn is-sezzjonjiet.

6.6.15 Intalab il-permess sabiex isir party tat-tfal fil-bandli ta' fuq il-kunsill nhar it-12 ta' Gunju 2017. Il-membri qablu unanimament sabiex dan il-permess jingħata.

6.6.16 L-Garanzija bankarja ġiet rilaxxata u rċevejna €400 lura mill-PA dwar ir-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni.

6.6.17 Ktibna imejl lil Raymond Zammit sabiex nkomplu niddiskutu l-possibilita' ta' speed camera. S'issa il-kunsill ma rċeviex risposta.

6.6.18 Inkitbet ittra lill-GCPL fejn infurmajnihom illi l-appell tagħhom ma jistax jiġi milqugħ minħabba li huma kienu appellaw wara z-zmien stipulat. Mal-ittra rreġistrata intbagħat ukoll iċ-ċekk ta' €200 li jkopri l-ammont li huma ħallsu bħala depositu għall-appell.

## 6.7 Qari tal-Korrispondenza

6.7.1 Emejl mingħand DLG fejn bagħtulna linji gwida inkonnessjoni mat-tismija ta' toroq.

6.7.2 Emejl dwar kompetizzjoni għall-appoġġ lill-Intrapiżi mingħand id-dipartiment tal-Kummerċ.

6.7.3 Emejls mingħand DLG fejn ġejna nfurmati dwar żewġ rapporti li rċieva d-dipartiment fejn ġejna mitluba nieħdu azzjoni dwarhom.

6.7.4 Invit mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ għall-Musical li sar fil-11 t'April 2017.

6.7.5 Irċevejna ċ-Ċirkularijiet numri 10/17,11/17, 12/17 li kienu jikkonsistu minn pozizzjonijiet vakanti fid-dipartiment ta' proġetti u żviluppi. Il-membri kollha ġew notifikati bihom permezz ta' imejl.

6.7.6 Emejl mingħand DLG b'informazzjoni dwar il-ftuħ tal-uffiċċju tal-kunsill nhar Sibt il-Għid.

6.7.7 Emejl mingħand id-DLG bi struzzjonijiet sabiex il-kontijiet tal-ARMS jkunu kollha indirizzati f'isem il-kunsill u mhux fuq persuni individwali.

6.7.8 Emejl mingħand *Funds and Project Division* dwar it-tielet sejħa għall-proġetti proposti f'Interreg Europe. Il-membri nnotaw il-kontenut.

6.7.9 Irċevejna stedina mingħand MSDEC għal *Life Info Day* li kienet sezzjoni informattiva dwar l-ambjent u l-klima. Il-membri ġew notifikati b'dan.

6.7.10 Irċevejna stedina mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikoltura sabiex nipparteċipaw fl-Annual Flower Show li se ssir f'Anton Gardens, Attard nhar is-6 u s-7 ta' Mejju.

6.7.11 Irċevejna talba mill-istudenti ta' Laura Vicuna fejn talbu l-għajnuna finanzjarja sabiex jixtru xi affarijiet biex jibnu ġnien fit-terrazzin tal-iskola. Il-Kunsill infurmhom illi l-kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet.

6.7.12 Irċevejna stedina mill-Onorevoli Stefan Buontempo sabiex nattendu għal-laqgħa fejn ġie varat informazzjoni u linji gwida dwar il-'Culture Fund for Local Government.' Il-membri ġew informati b'dan.

6.7.13 Emejl mingħand DLG sabiex jinformana dwar żviluppi li ħarġu mil-laqgħa li saret bejn il-PPCD u l-FPD. Il-Kunsill ingħata l-passi li għandu jieħu jekk ikun se japplika għal fondi tal-EU.

6.7.14 Emejl mingħand l-Arts Council Malta sabiex jinfurmaw il-kunsilli li għandhom il-possibilta sabiex japplikaw ħalli jsiru study visits fil-lokalita. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-31 ta' Mejju 2017.

6.7.15 Emejl mill-MTA sabiex ninfurmawhom b'attivitajiet li se jsiru fl-2018 sabiex dawn jiġu ppublikati fil-Calendar of Events 2018.

6.7.16 Emejl mingħand DLG d-direttorat għas-saħħa ambjentali, fejn talbu l-kooperazzjoni tagħna sabiex iwettqu s-solveljanza tagħhom fuq il-Asian tiger Mosquito. Ġew identifikati żewġ postijiet u tpoġġew ovitraps biex tintuża bħala parti mill-moniterazzjoni tagħhom, waħda fix-xelter ta' ħdejn l-Għajn il-Kbira u l-oħra ħdejn il-*playingfield*, f'post sigur.

6.7.17 Emejl mir-reġjun Għawdex fejn infurmaw lil-kunsill bid-data tal-laqgħa li kellha ssir fil-21 ta' April 2017.

6.7.18 Emejl mingħand DLG dwar is-sejħa għall-sieħba fil-proġett 'Augmented Reality for Historic ways.' Il-membri ġew notifikati bil-kontenut.

6.7.19 Irċevejna messaġġ mingħand il-President ġdid tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, s-Sur Mario Fava fejn qiegħed iwiegħed il-ħidma tiegħu għall-benefiċċji tal-Kunsilli Lokali.

6.7.20 Ċirkulari numru 9/2017 maħruġa mid-DLG dwar Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund fejn qed tispjega iż-żewġ sejħiet, dik bejn Lulju sa Diċembru 2017 kif ukoll dik minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020.

6.7.21 Emejl mingħand id-DLG fejn infurmawna li l-Fondazzjoni Valletta 2018 ippublikat katalgu bl-isem Spazji Teatrali. Dan jiġbor fih riċerka estensiva li ħadet iż-żmien rigward 78 teatru f'Malta u Għawdex. Se jkunu qed jipprovdulna ktejjeb bħala turija ta' apprezzament għall-kooperazzjoni u parteċipazzjoni kulturali min naħa tal-Kunsilli.

6.7.22 Emejl mingħand DLG b'invit indirizzat lill-membri kollha sabiex nattendu għall-sezzjonijiet ta' taħriġ dwar *Improving Change and Transition*

*Management Skills – enhancing Civic Society* li se jsiru fl-10, 17, 24 u 31 ta' Mejju kif ukoll fl-14ta' Ġunju bejn is-1.30pm u l-5.00pm.

6.7.23 Emejl mid-DLG dwar il-Ftehim Kollettiv għas-Servizz Pubbliku fejn ġejn nfurmati li skont Regolament 5, Sub Regolament 1, is-salarji tas-Segretarji Ezekuttivi huma marbuta ma' l-iskali tas-salarji tal-ħaddiema fis-settur pubbliku.

6.7.24 Emejl mingħand DLG fejn irrikomanda il-presenza tas-Segretarji Ezekuttivi kollha għall-istedina ta' Konferenza bl-isem ' Control Issues: Compliance & Concerns from the Report by the Auditor General on the Workings of Local Government.' Din il-laqgħa se ssir il-Ġimgħa 5 ta' Mejju bejn id-09.00a.m u l-4.00p.m.

6.7.25 Cirkulari numru 11/2017 maħruġa mid-DLG dwar l-Irtirar mix-xogħol minħabba l-Eta' Pensjonabbli. L-Membri gew notifikati bil-kontenut.

6.7.26 Invit għaċ-ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-Premju Frans Sammut 2016-2017 li se ssir nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2017.

6.7.27 Emejl mingħand DLG dwar proġett pilota ta' taħriġ għal voluntiera li jixtiequ jagħtu kontribut fil-komunita' tagħhom. L-Applikazzjonijiet jagħlqu l-Ħamis 4 ta' Mejju 2017.

6.7.28 Stedina mill-Ministeru għal-Għawdex għall-quddiesa li se ssir għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-omm il-Ħadd, 14ta' Mejju fil-knisja parrokkjali tax-Xagħra.

6.7.29 Irċevejna kopja tal-pjanti ġodda tal-applikazzjoni numru PA/06736/16 minghand il-Perit Toni Bezzina dwar Fontana Cottage Industries.

6.7.30 Ċirkulari numru 31/2017 dwar Ftehim bejn l-Awtorita' ta' Trasport u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ġejna nfurmati li issa l-Kunsilli se jibda jkollhom dħul minn ċitazzjonijiet moħruġa minn TM.

6.7.31 Irċevejna l-approvazzjoni minn TM sabiex isiru d-double yellow line quddiem il-propjeta ta 'Electron' Triq il-Qalb ta' Gesu Fontana.

6.7.32 Cirkolari Numru 10/2017 dwar l-Immaniggar tal-Iskart u Elettroniku (l-WEEE) migbur mill-Kunsilli Lokali flimkien ma Memo 27/2015 li twassal klarifiki dwar Memo 21/2015.

6.7.33 Irċivejna stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali li harget it-2 ta' Mejju 2017 dwar hatra ta' Assistenti Kummisjonarji Elettorali, persuni li jghoddu, jissorveljaw u jikkalkulaw waqt l-ghadd tal-voti.

6.7.34 Cirkulari mill-OPM numru 8/2017 dwar ir-reklutagg u promozzjonijiet fid-dipartimenti tal-gvern u organizzazjonijiet parastatali.

6.7.35 Irċevejna l-PA notices li ġew ppublikati fl-26 ta' April 2017 u li fihom Jinkludu dawk tal-Fontana.

6.7.36 Irċevejna risposta mid-DLG dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Ivan Attard jista' jkun id-deputat aġent u għalhekk il-kunsill issa se jgħaddi biex jikteb formalment lis-Sur Attard sabiex jistaqsih jekk hux se jaċċetta din in-nomina.

6.7.37 Irċevejna imejl mill-pulizija fejn qed jistaqsuna jekk hemmx bzonn illi jiġu raprezentanti sabiex jagħmlu laqgħat fil-lokalita' tagħna dwar l-abbuz tad-Droga.

6.7.38 Stedina għaċ-ċerimonja tat-tqassim ta' flus li l-Aġenzija tal-gwardjani lokali Għaddiet lir-reħjuni u kunsilli Lokali. Din se ssir it-Tlieta, 9 ta' Mejju 2017 Fl-4 ta' wara nofsinhar.

6.7.39 Irċevejna min għand Reġjun Għawdex fejn ġejna nfurmati li l-laqgħa ġiet Kanċellata minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**Mill-kunsillier s-Sur Horace Micallef**

Hemm ħafna tħażżiż fl-art f'salib it-toroq u għalhekk ried jiġbed l-attenzjoni li jidher li se jsir xi xogħol fi triq PP Ħili Street. Il-membri qablu li għandna niktbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex nivverifikaw jekk hux se jsir xi xogħol fil-lokalita' tagħna.

**Mill-kunsillier is-Sur Victor Cefai**

Ressaq ilment li s-Sur Joe Camilleri għandu l-bankina tkissret u mimlija toqob. Is-Sindku nforma l-membri li se jgħaddi jara u naraw x'hemm bżonn li jsir.

## 6.7 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar il-ħlas ta' Guard & Warden Service House Ltd. Dan il-ħlas huwa ta' meta kienet ingħalqet it-triq sabiex inħasslu t-toroq. Kienet ingħalqet għal erba' siegħat. Staqsa wkoll dwar il-ħlas tad-datatrack IT services fejn kien il-ħlas dovut lilhom li jkopri għal *'pre-regional ticket'*.

Il-membri qablu li il-kont tal-avukat Dr. Grech għandu jiġi mħallas ġaladarba niċċara d-differenza fil-kont li qed jirreferi għal ħlas tal-appell.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 8 ta' Ġunju 2017 fil-4.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**